FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1441/00JR**

**Salvino Mizzi**

**vs**

**Joseph Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tmienja u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm198.79), risarciment ta' danni risultanti minn incident awtomobilistiku li gara Hal Luqa fis-6 ta' Dicembru, 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. LAF-232 habat mal-vettura Nru. HMY-248 proprjeta` ta' l-attur u misjuqa minnhu, ghall liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Jannar, 1999, dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju, 2000, dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekkk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' l-attur minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' P.S.947 Adrian Paul Vella, Salvino Mizzi, u Joseph Grixti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li grat fis-6 ta' Dicembru, 1998, bejn il-vettura Van transit numru HMY-248 misjuqa mill-attur, u l-vettura Pajero numru**

**LAF-232 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa, qabel ma tasal ghar-"roundabout".**

2. **Jirrizulta li l-vetturi kienu gejjin mill-istess direzzjoni u riedu jmorru fl-istess direzzjoni ukoll. L-attur kien fuq il-karreggjata ta; gewwa, filwaqt li l-konvenut kien fil-karreggjata ta' barra.**
3. **L-attur ried jibqa sejjer ghad-dritt, u fil-fatt hekk ghamel. Il-konvenut kien fuq il-lemin tieghu, warajh, u wkoll ried imur fl-istess direzzjoni.**
4. **Il-kollizzjoni grat fil-parti wara li titlaq "stop sign" li hemm ma' l-art u quddiem il-fetha li taghti ghall-Garibaldi Road.**
5. **F'dan il-kaz irrizulta li l-attur kellu d-danni fuq il-parti ta' wara tal-vettura in-naha tal-lemin. Dana wahdu huwa indikativ li hu kien qieghed jiprecedi lill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu kellu l-obbligu li joqghod attent ghat-traffiku li jkun hemm quddiemu. Inoltre jirrizulta li l-konvenut ippresuma li l-attur kien ser idur ghall-go Garibaldi Road, u dana minhabba il-vegeg li hemm ma' l-art. Fir-rigward jigi rilevat li tali presunzjoni kienet kompletament sbaljata, ghax dik il-vlegga qieghda hemm ghall min irid jiehu d-direzzjoni lejn Garibaldi Road, izda b'ebda mod ma teskludi lil min irid jibqa' miexi fid-dritt. Inoltre ma jirrizultax li l-attur ghamel xi senjalazzjoni li ser idur, kif kien ikun fl-obbligu li jaghmel kieku tasssew kien ser jiehu Garibaldi Road.**
6. **Tant ma kienx attent ghat-traffiku ta' quddiemu l-konvenut, li nduna bl-attur biss mal-kollizzjoni. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-attur ma kienx qed izomm "a proper lookout" ghat-traffiku ta' quddiemu. Ghall dawn ir-**

**ragunijiet it-Tribunal hu tal-fehma li l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenut.**

7. **Bhala danni l-attur sofra l-ammont ta' mija tmienja u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm198.79), kif jirrizulta mir-ricevuti Dok. JZM.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija tmienja u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm198.79), bl-imghaxijiet legali mil-11 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Jannar, 1999, dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju, 2000, dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-**

**assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**